MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2012

Avviz Numru. 102/2011

**F. Advertising Limited (C27689)**

**Vs**

**Kevin u Sharon konjugi Gardner**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta’ sebat elef sitt mija u erbghin ewro (€7640) rapprezentanti ammont dovut minnkom in konnessjoni ma’ servizzi debitament rezi fuq inkariku taghkom ai termini ta’ skrittura privata ffirmata minnkom u datata 11 ta’ Gunju, 2009. Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ ittra ufficjali prezentata a tenur tal-artikolu 166A Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta datata 23 ta’ Frar, 2011 u ta’ mandat ta’ sekwestru kawtelatorju pprezentat mal-istess ittra u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali sal-hlas effettiv ghas-saldu kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-digriet moghti fit-13 t'Ottubru, 2011 (fol 12 u fol 13 tal-istess atti) kif ukoll id-dokumenti a fol 20 u fol 32 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Artikolu 698 u 702(3)(b) Procedura Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fid-19 ta' Settembru, 2012 meta gew ppresentati l-Kapitoli u lanqas illum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebat elef, sitt mija u erbghin ewro (€7,640) bl-imghax legali mit-23 ta' Frar, 2011 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Frar, 2011 msemmija fir-rikors promotur u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tat-23 ta' Frar, 2011.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------